# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI BA., LL.D., A R HIST S.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Gunju 2000**

**Numru: 2**

**Citaz. numru 65/94 JF**

**Edward Pavia bhala direttur u ghan-nom tas-socjtea' Deramm Ltd.**
**vs**
**Stephen Fava ghan-nom tas-socjeta' Fogg Limited u din bhala Agent u mandatarja tad-ditta estera assikuratrici Avon Insurance plc.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess li s-socjeta' attrici kienet matul is-sena elf disa' mija u tnejn u disghin (1992) talbet u otteniet minghand is-socjeta' konvenuta il-hrug tal-polza "comprehensive" numru FAPC18353.4.92 illi kienet tkopri l-

vettura tal-marka Mazda MX% numru ta' registrazzjoni F-8148, propjeta' tal-istess socjeta' attrici, kontra diversi riskji, fosthom is-serq tal-istess vettura, matul perjodu bejn il-21 ta' April 1992 u l-31 ta' Marzu 1993 liema polza giet sussegwentement regolarment rinovata b'mod illi kienet ghadha fis-sehh fid-data hawn taht imsemmija meta saret is-serqa hawn taht imsemmija.

U premess fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Mejju 1993, l-imsemmija vettura giet misruqa minn terzi skonoxxuti, wara illi kienet giet ipparkjata mill-attur gewwa Church Street, Paceville.

U premess li s-serq tal-imsemmija giet regolarment notifikata lis-socjeta' konvenuta mill-attur nomine permezz tal-"claim" opportun kif ikkontemplat mill-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija.

U premess li l-valur tal-imsemmija vettura F-8148 dikjarat mill-attur nomine u accettat fis-socjeta' konvenuta kien ta' sitt elef u tmin mitt lira (Lm6800).

U premess li in vista tal-ezistenza tal-polza fuq imsemmija, u l-fatt illi riskju kopert minnu kien ivverifika ruhhu, b'socjeta' konventa hija obbligata illi taghmel tajjeb ghat-telf soffert mill-attur nomine fis-somma ta' sitt elef u tmin mitt lira (Lm6800), salv tnaqqis tal-"excess" mhux kopert skond il-polza.

U premess li d-diversi talbiet tal-attur nomine illi jithallas u jigi kkompensat mis-socjeta' konvenuta gew michuda illi pero' qatt ma avzat

lill-attur nomine bil-motiv ta' tali cahda u stidnitu minflok jistitwixxi l-proceduri opportuni l-Qorti.

TALAB li dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara illi in vista tal-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija mahruga mill-istess konvenut nomine favur l-attur u in vista ukoll tal-verifika ta' riskju kopert mill-istess polza, l-imsmemi konvenut nomine huwa obbligat jaghmel tajjeb ghat-telf soffert mill-attur nomine bhala konsegwenza tal-verifika tar-riskju fis-somma imsemmija fil-polza ta' assikurazzjoni ta' sitt elef u tmin mitt lira (Lm6800) jew somma verjuri wara tnaqqis tal-"excess" imsemmi fl-istess polza.

2. Tikkundanna lill-konvenut nomine sabiex ihallas lill-attur nomine l-istess somma ta' sitt elef u tmin mitt lira (Lm6800) jew somma ohra verjuri illi tista' tigi likwidata u stabbilita minn dina l-Qorti in vista u wara t-tnaqqis tal-"excess" illi skond il-polza ta' assikurazzjoni ma hiex koperta mill-istess polza.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tal-11 ta' Ottubru 1993, tal-1 ta' Novembru 1993 u tad-9 ta' Novembru 1993 u dawk tal-ittra gudizzjarja tas-7 ta' Dicembru 1993 u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez in vista tal-fatt li din il-Qorti hija, bir-rispett kollu, esawtorata milli tiehu konjizzjoni tal-kawza odjerna in vista tal-fatt li l-partijiet kienu qablu li jirriferixxu "all differences" lill-arbitragg meta fil-fatt l-attur, flok ghamel hekk, adixxa din il-Qorti.

2. Bla pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici huma wkoll insostenibbli billi l-attur, skond ma jirrizulta mill-istess premessi tac-citazzjoni, ma kienx "under cover" meta gara dak allegat minnu.

3. Bla pregudizzju ghall-premess illi, comunque, t-talba attrici huma insostenibbli u dan in vista tal-fatt li l-attur naqas, meta fetah il-polza u waqt il-kors tal-validita' tal-polza li jinforma lill-konvenut b'material facts' li kienu certament jinfluwixxu fuq il-kunsens taghhom ghall-accettazzjoni omeno tal-attur bhala assigurat taghhom.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti:

Semghet lix-xhieda prodotta.

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-nota ta' sottomissjonijiet tal-kontendenti.

Rat id-decizzjoni in parte moghtija fis-27 ta' Frar 1997 (fol 73-77 tal-process) minn din il-Qorti u li in forza taghha giet respinta l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut nomine bl-ispejjez kontrieh.

Trattata l-kawza fil-meritu;

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li l-attur nomine assikura l-vettura tieghu tal-marka Mazda bin-numru tar-registrazzjoni F-8184 mas-socjeta' konvenuta u dan ghas-somma ta' Lm6,800 nieqes l-"excess". Illi matul il-perjodu effettiv ta' dina l-assikurazzjoni l-attur nomine irraporta li l-vettura tieghu sfat misruqa u ghamel ukoll "claim" mas-socjeta' konvenuta. Illi ghall-ewwel ma deherx li kien hemm xi intoppi izda wara li ghadda xi zmien bla ma thallas, l-attur nomine interpella lis-socjeta' attrici diversi drabi izda inutilment.

Ikkunsidrat li ghalkemm is-socjeta' konvenuta fi stadju avvanzat tal-kawza bdiet tirritjeni li hija ma hallsitx lill-attur nomine minhabba 'non-disclosure' ta' fatti materjali bi ksur tal-'policy' li kellu maghha, fil-fatt ir-raguni moghtija mir-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, li mieghu tkellem l-attur nomine kienet ben diversa. Fil-fatt, Francis P Ebejer isemmi u jaghti bhala raguni ghan-nuqqas ta' indennuz da parti tas-socjeta' konvenuta, dan li gej (ara fol 45);

> "Barra dan l-incident li serqulu l-karozza kellu zewg incidenti ohra maghna ta' karozzi tieghu, jew forsi mhux tieghu, ghax hu jaf bizzejjed, u l-ufficju accettaw li jhallsuh. Pero' jiena ghidtlu

> skuzani, ta' dawk iz-zewg kazi li lilek hallsuk, mhux suppost hallsuk; u dan kien hemm daqsxejn ta' 'friction' bejnietna, u ghamilli din il-'claim'. Ghidtlu mela ahna din il-'claim' ma nhallsuhiex, ghaliex jiena nhoss li fuq l-iehor ma kontx (sic) inxurjat, inti trid thallas fuq iz-zewg kazijiet ohra".

Fi kliem iehor id-diffikulta ma kenitx dwar il-'claim' in ezami imma se' mai dwar 'claims' precedenti li jidher li kienu gew saldati. Anzi l-istess xhud ikompli hekk (fol 46);

> "... il-kwistjoni tal-Arbitration, qatt ma qamet. U ahna ma hallasniehx ghar-raguni li semmejt qabel".

Issa jigi rilevat li l-konnessjoni taz-zewg 'claims' precedenti msemmija minn dana l-ufficjal tas-socjeta' konvenuta qatt ma giet ippruvata, anzi, l-attur nomine li dawn kienu jirreferu ghal socjetajiet ohrajn mhux imdahhlin f'din il-procedura. Kwindi r-raguni msemmija mix-xhud Ebejer hija bla bazi.

Illi ulterjorment is-socjeta' konvenuta idderigew il-provi taghhom biex juru li l-attur nomine naqas milli jimxi skond il-'policy' talli naqas li jsemmi fatti materjali, per via ta' taghrif li huwa kien tenut li jikxef u jsemmi mal-assikuraturi tieghu. Illi anke hawn ix-xhud Ebejer, din id-darba prodott mill-attur nomine izda bhala ufficjal jew ex-ufficjal tas-socjeta' konvenuta jelabora hekk (ara xhieda a fol 105, ir-raba' paragrafu):

> "Qed nigi mistoqsi kif nispjega wahda mill-eccezzjonijiet li ahna issollevajna illi kien hemm bhala raguni min-naha taghha li ma nonorawx il-claim, kien hemm 'non-disclosure' of material facts', biex nispjega x'kienet din. U jien nghid li ma nahsibx li kienet wahda mir-ragunijiet (sottolinear tal-Qorti).

Minbarra din it-twegiba retta u inekwivoka, gja' rrizulta li s-socjeta' attrici ma kellhiex u m'ghamlitx 'claims' ohra mas-socjeta' konvenuta fil-mument li imtliet il-'proposal form' u li inharget fil-25 ta' April 1990 - ara Dok FE4. Issa l-'claims' li saru kienu fis-6 ta' Novembru 1991 u insegwitu fis-17 ta' Marzu 1992. Illi ghalhekk fil-mument li mela l-'proposal form' l-attur nomine ma setax jiddikjara dawn l-incidenti. Is-serqa tal-vettura de quo imbaghad giet ferm wara, igifieri bejn il-5 u 6 ta' Mejju 1993.
Illi, fl-ahharnett, dwar il-quantum ma kien hemm l-ebda kuntrast.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi filwaqt li taghmel mill-gdid riferenza ghad-decizzjoni in parte moghtija fis-27 ta' Frar 1997, tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet kollha tal-attur nomine kif dedotti u fl-ammont mitlub, bl-ispejjez gudizzjarji kontra s-socjeta' konvenuta, u bl-interessi kif mitlub sal-hlas effettiv.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI LL.D.**

Deputat Registratur

AMH.